**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 10 ta' Lulju, 2019**

**Rikors nru: 205/19 AGV**

**AB**

**Vs**

**CD**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent pprezentat fit-8 ta' Mejju, 2019 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet inghaqdu fiz-zwieg fit-12 ta' Dicembru, 2009 kid jidher mid-dokument anness u mmarkat bhal Dok. "A" u minn din l-ghaqda ma twieldu ebda tfal.

2. Illi t-tnejn ottjenew is-separazzjoni personali in forza ta' digriet moghti mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datat 27 ta' Mejju, 2013 hawn anness u mmarkat Dok. "B."

3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi oltre l-fatt li ilhom aktar minn hames snin separati, huma ghandhom hajja totalment separata u indipendenti minn xulxin.

4. Illi ma hemm ebda pendenza dwar hlas ta' mantenment minn xi parti fil-konfront tal-parti l-ohra u dan anke ghaliex il-partjiet irrinunzjaw reciprokament mid-dritt li jitolbu u jottjenu hlas ta' manteniment u dan kif jirrizulta minn klawsola numru 4 tal-kuntratt ta' separazzjoni li gie ppublikat minn Nutar Robert C. Mangion fit-18 ta' Gunju, 2013 hawn anness u mmarkat bhala Dok."C"

5. Illi dawn il-fatti jinkwadraw ruhhom u jissodisfaw il-kundizzjonjiet u kriterji kontemplati fl-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta, sabiex il-partijiet jiksbu d-divorzju.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1.Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex isiru d-debita registrazzjoni u annotamenti fl-atti civili relattivi fir-Registru Pubbliku u dan ai termini tal-Artikolu 66A(4) tal-Kodici Civili.

Rat l-affidavit tar-rikorrent.[1]

Rat l-Artikolu 66 A u B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Rat r-Risposta tal-konvenuta li eccepiet is-segwenti:-

1. Illi fl-ewwel lok, filwaqt li l-esponenti tikkonferma l-fatti elenkati fir-rikors promotur tiddikjara ukoll li m'ghandha l-ebda oggezzjoni li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti jigi ddikjarat fl-annotamenti tal-atti civili fir-Registru Pubbliku.

2. Illi madanakollu, l-esponenti m'ghandha tbati l-ebda mill-ispejjes ta' dawn il-proceduri u li se mai, ghandu jbatihom l-attur li qieghed jitlob l-ottjeniment tad-divorzju.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrent rnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi pprova illi l-partijiet ilhom isseparati legalment skond kuntratt datat 18 ta' Gunju, 2011 fl-atti tan-Nutar Dottor Robert C. Mangion.

[1] Ara Dok. a fol. 5 tal-process.

Tikkonferma ukoll li skond il-kuntratt ta' separazzjoni kienu rrinunzjaw mid-dritt rispettiv taghhom li jitolbu manteniment minghand xulxin.

Ir-rikorrent ukoll ipprova li ma hemmx cans ta' rikonciljazzjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**